# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2020.**

**Numru 2**

**Rikors numru 277/19**

**Fl-att tal-inkjesta referenza CC/19/2017**
**immexxija mill-Kunsill Mediku kontra Dr. Mario Saliba**
**dwar ilment intavolat kontra tieghu minn Eustace R. Miller**

**Tabib Dr. Mario Saliba**
**v.**

**Il-Kunsill Mediku**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tat-Tabib Dr. Mario Saliba tal-11 ta' Settembru 2019 mid-decizjoni tal-Kunsill Mediku tat-3 ta' Settembru 2019 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Kunsill Mediku fit-3 ta' Settembru 2019 u minflok

tiddikjara li l-inkjesta mibdija kontra tieghu bis-sahha tan-notice of inquiry tat-13 ta' Awissu 2019 hija preskritta b'applikazzjoni tal-Artikolu 31(2) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat ir-risposta tal-appell tal-Kunsill Mediku tas-7 ta' Ottubru 2019 permezz ta' liema talab sabiex din il-Qorti tannulla r-rikors odjern u subordinatament, kemm-il darba r-rikors tal-appell ma jigix annullat, sabiex tichad l-appell tal-appellant fl-intier tieghu billi tikkonferma d-digriet tal-Kunsill Mediku moghti nhar it-3 ta' Settembru 2019.

3. Rat l-atti kollha tal-kawza;

4. Rat id-decizjoni tal-Kunsill Mediku tat-3 ta' Settembru 2019 illi taqra hekk:

> "Reference is being made to the Preliminary plea raised on behalf of Dr. Mario Saliba by means of a letter dated 26th August 2019.
>
> "Whereas this case was initiated and progressed in the following chronology of events:
>
> "-5th July 2017 – The date of the alleged incident;
>
> "-2nd November 2017 – The complainant sent an official letter of complaint to the Medical Council Registrar about an incident which allegedly occurred on the 5th July 2017 – four months later;
>
> "-9th May 2018 – The Medical Council Registrar sent a registered letter to Dr. Mario Saliba, enclosing the letter of complaint and asking for a reply within 20 days from receipt of the same letter;
>
> "-23rd May 2018 – Two months later, Reply by Dr. Mario Saliba to the letter of inquiry by the Medical Council Registrar of the 9th May 2018;

"-13th August 2019 – Dr. Mario Saliba was served with a notice to appear before the Medical Council Board for the sitting of the 5th September 2019.

"Whereas article 31 (1) (2) (3) of Chapter 464 of the Laws of Malta provides that:

> "(1) The relevant Council shall have the power, either on the complaint of any person or of its own motion, to investigate any allegation of professional misconduct or breach of ethics by a health care professional falling under its supervision.
>
> "(2) Any inquiry under sub-article (1) into the misconduct or other failure in terms of article 32(1)(b) and (c) shall be barred by the lapse of two years which shall run from the day from which the complainant or any of the complainants become or ought to have become aware of the facts or incidents that give rise to the complaint and in any case by the lapse of ten years from the date on which the alleged fact or incident was committed.
>
> "(3) The period of limitation referred to in sub-article (2) maybe interrupted by any act of the inquiry served on the party being investigated…"

"Whereas, Article 31 (4) of Chapter 464 of the Laws of Malta provides that:

> "(4) For the purposes of the foregoing provisions of this article, the relevant Council shall conclude the inquiry within a period of two years from the day on which any act of the inquiry proceedings is served on the party accused in respect of the fact or incident with which he is charged, except where the delay is occasioned through no fault of the relevant Council."

"Whereas article 31 (2) of Chapter 464 above quoted, by way of referring to an inquiry of the Medical Council clearly indicates sub-article (1) of the same article 31, whereas sub-article (1) clearly defines the inquiry as an investigation by the relevant council through an allegation of professional misconduct or breach of ethics by a health care professional falling under its supervision;

"Whereas article 31 (3) of Chapter 464 above quoted clearly states that the 2 years prescription time bar may be interrupted by any act of the inquiry served on the party being investigated;

"Whereas on the 9th May 2018, Dr. Saliba was asked for his version in view of the allegation raised by complainant, a letter which undoubtedly qualifies as an investigative act performed by the Medical Council with regards to this matter;

> “Whereas, the registered letter sent by the Medical Council on the 9th May 2018, being an investigative act, is captured by the definition of ‘inquiry’ as stated in article 31 (1).
>
> “Therefore in view of the above the Malta Medical Council decides that the case is not time barred and orders that proceedings continue.”

**Ikkonsidrat:**

5. Illi dan huwa appell intavolat fir-rigward ta’ proceduri li nbdew mill-Kunsill Mediku kontra l-appellant wara li sar ilment kontra tieghu minn pazjent illi huwa kien agixxa bi ksur tar-regolament 4 (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 464.17 u l-Artikolu numru 5 tal-Iskeda A tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja. L-appellant kien qajjem eccezzjoni preliminari ta’ preskrizzjoni, li kienet giet deciza mill-Kunsill Mediku fit-3 ta’ Settembru 2019 u huwa proprju minn din id-decizjoni li gie interpost l-appell odjern.

6. Illi peress illi fir-risposta tal-appell tieghu l-Kunsill Mediku appellat ikkontesta l-validita` tal-appell, ser jigu determinati l-ewwel nett l-eccezzjonijiet rigward in-nullita` tal-appell.

**I. In-nuqqas tal-appellant li jikkwota l-artikolu jew artikoli tal-ligi illi fuqhom qieghed issejjes l-appell tieghu:**

7. Illi l-Kunsill Mediku eccepixxa illi r-rikors tal-appell huwa null ghaliex l-appellant naqas milli jikkwota l-artikolu jew artikoli tal-ligi li fuqu jew fuqhom huwa msejjes l-appell tieghu.

8. Illi dan l-argument huwa manifestament fieragh. Huwa car mir-rikors tal-appell illi l-appellant qieghed isejjes l-appell tieghu fuq l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu mhux biss gie indikat espressament fir-rikors tal-appell izda aktar minn hekk fit-talba tieghu l-appellat qieghed jitlob espressament u b'mod inekwivoku illi din il-Qorti tiddikjara illi l-inkjesta mibdija kontra tieghu hija preskritta "…b'applikazzjoni tal-Artikolu 31 (2) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta."

9. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi l-appellant qieghed isejjes l-appell tieghu fuq l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet Malta. Minn dan isegwi illi din l-eccezzjoni tal-Kunsill Mediku hija manifestament infondata u qed tigi michuda.

**II. L-ezistenza o meno ta' dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Kunsill Mediku tat-3 ta' Settembru 2019:**

10. Illi l-Kunsill Mediku argumenta li l-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix dritt ta' appell minn decizjoni in parte tal-Kunsill Mediku, izda biss minn decizjoni finali sabiex isem ta' professjonist jigi kkancellat mir-Registru tal-Kunsill Mediku.

11. Illi l-Qorti rat illi l-artikolu li jistabilixxi d-dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Kunsill Mediku huwa l-Artikolu 36 (4) tal-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha, li jipprovdi:

> "F'kull żmien matul wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika ta' avviż il-persuna li tkun ġiet notifikata bih tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell."

12. L-avviz li ghalih jirreferi dan is-sub-inciz huwa dak indikat fl-ewwel sub-inciz tal-istess artikolu, u cioe` avviz ta' decizjoni sabiex l-isem ta' persuna jkun ikkancellat mir-registru adatt ai termini tal-Artikoli 32 jew 38 tal-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha. Illi ghalhekk huwa car fil-fehma ta' din il-Qorti illi d-dritt ta' appell moghti mill-ligi permezz tal-Artikolu 36 (4) huwa wiehed limitat, u japplika biss fir-rigward ta' decizjonijiet li jordnaw il-kancellament tal-isem ta' persuna mir-registru adatt u ghal ebda decizjoni ohra.

13. Illi dan fil-fatt jinsab konfermat mill-gurisprudenza fuq il-materja. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Franco Mercieca v. Kunsill Mediku** (Appell Superjuri, 28/04/2014) gie deciz illi:

> "Il-mod normali kif jiġu redatti l-artikoli ta' liġi huwa billi fl-ewwel sub-artikolu tiġi preċiżata l-materja partikolari li sejra tiġi regolata b'dak l-artikolu u mbgħad fis-sub-artikoli ta' wara jsiru l-preċiżazzjonijiet jew derogi li l-leġislatur ikun irid jagħmel dwar dik il-materja. Kieku l-liġi riedet tagħti appell minn kull deċiżjoni kienet tgħid dan fl-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 36 billi fih tagħti dritt ta' appell b'mod ġenerali u mingħajr terminu għall-avviż u tipproċedi biex tidderoga jew tirrestrinġi r-regola ġenerali tas-subartikolu (1) billi tgħaddi biex tistipula terminu għall-avviż f'każ ta' kanċellament. Minflok, jidher li fl-ewwel sub-artikolu, kif normalment isir, ġiet puntwalizzata l-materja partikolari tal-artikolu,

> u cioè d-deċiżjoni ta' kanċellament, u mbagħad hemm numru ta' sub-artikoli li jelaboraw u jkomplu jippreċiżaw fuq l-istess materja puntwalizzata flewwel sub-artikolu. Għalhekk l-artikolu 36 kollu jipprovdi biss għal deċiżjoni ta' kanċellament u għalhekk l-appell hu provdut biss minn tali deċiżjoni u mhux minn deċiżjonijiet ta' xorta oħra."

14. Illi bl-istess mod, fis-sentenza **Dr Adam Bartolo v. Kunsill Mediku** (Appell Inferjuri, 14/10/2016) gie deciz illi:

> "Dik il-ligi tikkontempla dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell biss meta skont: "….l-artikolu 32 jew l- artikolu 38 Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru adatt…." (Artikolu 36(1) tal-Kap. 464).
>
> "[…]
>
> "Din il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' appell fejn il-liġi ma tipprovdix li hemm dritt ta' appell. Dan minkejja li hu ferm stramb kif fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 32 u 38 tal-Kap. 464 jeżisti dritt ta' appell meta l-Kunsill Mediku jordna l-kanċellament ta' isem minn registru li jżomm il-Kunsill rilevanti, filwaqt li fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 35 il-liġi ma tghidx li hemm dritt ta' appell. Madankollu l-qorti trid tapplika l-liġi. Appell m'huwiex xi dritt awtomatiku kull fejn tittieħed deċiżjoni jew tinghata ordni. Dritt ta' appell minn deċizjoni trid tirriżulta minn disposizzjoni ta' liġi."

15. Illi m'huwiex kontestat illi fil-kaz odjern ma ttiehdet l-ebda decizjoni sabiex isem l-appellant jigi kkancellat mir-registru adatt ai termini tal-Artikolu 32 jew l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-appell sar minn decizjoni parzjali tal-Kunsill Mediku, permezz ta' liema l-istess Kunsill cahad l-eccezzjoni preliminari tal-appellant illi l-inkjesta li kienet qed issir kontra tieghu hija preskritta ai termini tal-Artikolu 41 tal-istess ligi. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi l-ligi ma taghti l-ebda dritt lil appellant li jintavola appell minn din id-decizjoni tal-Kunsill Mediku, galadarba permezz ta' din id-decizjoni ma giex ordnat illi ismu jigi

kkancellat mir-registru adatt. Minn dan necessarjament isegwi illi din l-eccezzjoni tal-Kunsill Mediku appellat rigward in-nullita` tal-appell odjern ghandha mis-sewwa u qed tigi milqugha.

**Decide**

16. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara l-appell tat-Tabib Dr. Mario Saliba null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez kontra l-appellant, hlief ghall-ispejjez tal-eccezzjoni preliminari (l-ewwel eccezzjoni) li hi a karigu tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm